MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 9/2002/1

Rikors Nru: 9/2002

Professur John Joseph Cremona bhala mandatarju ta' bintu assenti Dottoressa Anne Abrahams, il-Markis Avukat Dottor Anthony Cremona Barbaro u Mary Samut Tagliaferro

vs

Emmanuel Mangion

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fl-14 ta' Mejju 2002, fejn esponew:

Illi huma jikru lill-intimat ir-raba ta' Hlentun sive tal-Ermit, b'access minn bini (li jaghmel mieghu) fuq it-triq, fil-limiti taz-Zurrieq, tal-kejl ta' cirka tmien telef erba' mija u wiehed u tletin (8431) metri kwadri bil-kera ta' sitt liri (Lm6) fis-

sena pagabbli b'lura kull hmistax ta' Awissu u bil-kondizzjoni li l-kerrej ghandu a spejjez tieghu jtella kull hajt li jaqa' kif ukoll kull selha, l-ewwel skadenza fil-15 ta' Awissu 2002.

Illi dan il-kera, li qatt ma mbidel tul dawn l-ahhar tmenin sena shah, huwa manifestament ghall kollox inadegwat u l-esponenti umilment jidhrilhom li l-kera xieraq ghandu jkun mhux anqas minn sittin lira (Lm60) fis-sena.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-kera tar-raba "de quo" fl-ammont ta' sittin lira (Lm60) fis-sena jew ammont iehor verjuri li jigi ffissat minn dan it-Tribunal.

Ra r-risposta pprezentata mill-intimat Emanuel Mangion, fis-16 ta' Jannar, 2003 fejn espona:

Illi t-talba ghall-awment pretiza mir-rikorrenti m'ghandhiex tigi milqugha ghaliex:

a) Kull benefikat li sar fir-raba in kwistjoni f'dawn l-ahhar tmien snin, effettivament sar mill-intimat;

b) Ir-raba in kwistjoni huwa raba baghli u jizzerzaq ftit lejn il-wied ta' Hlantun, huwa accessibbli ghal trejqa minn parti zghira tieghu; u huwa kwazi nofs mil il-boghod mill-eqreb rahal, iz-Zurrieq.

Ra d-digriet tieghu li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC Anthony Mifsud.

Ra r-relazzjoni tal-imsemmija periti.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal tal-15 ta' Mejju, 2006

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1) Fis-seduta tat-8 ta' Marzu, 2004 l-intimat xehed dwar il-benefikati li saru fir-raba matul iz-zmenijiet.

2) Billi kien hemm nuqqas ta' qbil dwar l-estensjoni tar-raba intalbet pjanta lill-intimat li tinsab a fol 41 tal-process.

3) Fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2006 il-partijiet qablu li l-kobor tar-raba hu ta' 0.7703 .... cirka jew 6.51 T.S.K. cirka skond l-imsemmija pjanta.

4) Il-qbiela hi ta' sitt liri Maltija (Lm6) fis-sena pagabbli b'lura kull hmistax ta' Awissu. Is-sid fir-rikors jitlob Lm60 fis-sena.

5) Il-periti ghamlu access fit-28 ta' Mejju, 2004 fil-prezenza tal-partijiet u ghamlu l-konsiderazzjonijiet taghhom. Stabbilew li l-qbiela dovuta hi ta' Lm38 fis-sena.

6) Il-Bord, ra l-art 3 tal-Kap 199 tal-Ligiijiet ta' Malta. Jiffissa l-kera fl-ammont ta' Lm38 fis-sena pagabbli b'lura kull 15 ta' Awissu l-ewwel skadenza fil-15 ta' Awissu 2002 bil-kundizzjoni li l-kerrej ghandu a spejjez tieghu jtella kull hajt li jaqa' kif ukoll kull selha; spejjez bla taxxa bejn il-partijiet. Ir-relazzjoni tal-periti ghandha taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------